Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 442/2015

Il-Pulizija

Spettur Keith Arnaud

Vs

Roderick Gerada

Illum, 27 ta' Frar 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Roderick Gerada, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 33779(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

> 1. nhar it-22 ta' Gunju, 2008, f'xi hin bejn in-12:30 ta' waranofsinhar u l-17:10 ta' waranofsinhar, minn gewwa r-residenza numru 91, Petit Fleur, Triq L. Casolani, Birkirkara, ikkommetta serq ta' flus kontanti u oggetti, liema serq huwa kkwalifikata bil-mezz u bil-valur, liema valur tal-haga misruq jeccedi €2,329.37, u bil-lok u dan ghad-detriment ta' Rita Montanaro u/jew persuna jew persuni ohra;
>
> 2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, jew ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat ma jiskorrux il-€116.47, imma hija izjed minn €23.29 u dan ghad-detriment ta' Rita Montanaro u/jew persuna jew persuni ohra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-22 ta' Awwissu, 2017, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant illiberatu minnhom.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Awwissu, 2017, fejn talab lil Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok tghaddi sabiex issib lill-appellat hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, u sussegwentement tinfliggi l-piena skont il-ligi relevanti u li tkun gusta u adegwata ghac-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w *cioe'*:-

> "Illi fit-30 ta' Awwissu tas-sena 2017, l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-atti processwali tal-proceduri fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom b'mod car u manifest in kwantu l-ewwel Onorabbli Qorti, fl-umli fehma tal-esponent, manifestament ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi dedotti, kemm favur kif ukoll kontra l-*qua* appellat, li wasslu sabiex l-ewwel Onorabbli Qorti tillibera lill-istess *qua* appellat. Fil-fatt, fil-fehma tal-esponent, fid-dawl tal-provi dedotti, l-ewwel Onorabbli Qorti, ma setghet qatt legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li wasslet ghaliha u ghaldaqstant qed jigi ntavolat bir-rispett dan l-appell.
>
> Illi l-esponent jibda billi jirrileva illi *ai termini* tas-sentenza moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti ma jidher illi hemm l-ebda dubju mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni illi s-serqa saret u li l-kwalifiki ghall-imsemmija serqa hekk kif dedotti fl-akkuzi jirrizultaw pruvati kollha fl-intier taghhom. Il-Qorti ddikjarat ukoll li hemm bizzejjed provi sabiex tissusti wkoll it-tieni akkuza dedotta fil-konfront tal-*qua* appellat (li fil-fehma tal-ewwel Qorti ghandha tigi kkunsidrata biss bhala mezzi *ai fini ai termini* tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali). Illi n-*nexus* bejn ir-reati hawn fuq imsemmija (li fil-fehma tal-ewwel Onorabbli Qorti gew ippruvati fl-intier taghhom) u l-appellat tikkonsisti fi prova ta' rizultat pozittiv wara li saret analizi kumparattiva bejn l-impronti tas-swaba tal-*qua* appellat u l-impronti elevati minn fuq ix-xena tad-delitt.
>
> Illi l-ewwel Onorabbli Qorti illiberat lill-*qua* appellat ghaliex ghazlet illi tistrieh fuq il-verzjoni li ta Gerada waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija fejn cahad l-involvimenti tieghu f'din is-serqa u skartat kompletament dina l-prova krucjali u xjentifika ta' identifikazzjoni b'mezzi ta' taqbil tal-impronti tas-swaba ghaliex sabitha '*difficli li fuq impronta digitali wahda, per di piu', mhux*

*daqstant linejari, li allura ma taghmilx prova univoka, tirritenih responsabbli minghajr dubju dettat mir-raguni ghas-serqa mertu ta' dawn il-proceduri'*.

Illi l-esponent ma jistax jaqbel ma dina l-konkluzjoni u dana ghas-segwenti ragunijiet:

Illi fl-ewwel lok hawnhekk *si tratta* ta' prova xjentifika. Sabiex l-espert jiddikjara li hemm '*positive match*' jitqabblu diversi punti u karatteristici tal-impronti mehuda minn fuq ix-xena tad-delitt u dawk mehuda minn fuq il-marki tas-swaba tal-akkuzat u dana skont *standards* internazzjonali, ma' liema l-esperti Maltin jaderixxu kompletament. Ghaldaqstant, u galadarba dawn il-marki tas-swaba huma marki personali, fis-sens illi kull persuna ghandha l-marki individwali taghha li jiddistingwuha minn ta' haddiehor, impronta wahda ghandha tkun bizzejjed sabiex persuna tigi identifikata fuq ix-xena tad-delitt b'mod xjentifiku.

Illi ghaldaqstant, isegwi illi *ai termini* tal-kazistika moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti, wiehed janalizza fejn instabet l-impronta li giet identifikata bhala dik tal-*qua* appellat u dana sabiex wiehed jistabilixxi l-univocita ta' dik il-prova cirkostanzjali. Illi l-imsemmija impronta ma instabitx mal-bieb ta' barra minn-naha ta' barra, li persuna kieku setghet facilment laqtitu hija u miexja fi triq pubblika, izda fuq kaxxa gewwa kamra tas-sodda tal-fond derubat. Fond li l-*qua* appellat ma kellu l-ebda access ghalih. Ghaldaqstant, isegwi illi *in vista* tal-konkluzjonijiet forensici, l-*qua* appellat bilfors kien f'dik il-kamra tas-sodda gewwa l-fond derubat illegalment.

Illi fil-proceduri odjerni, l-appellat ghazel li ma jixhidx, madanakollu mill-istqarrija irrilaxxata lill-pulizija mill-*qua* appellat, l-appellat jikkonferma illi huwa ma kellux access ghal dak il-fond derubat u naqas milli jaghti spjegazzjoni ta' kif setghet l-impronta tieghu tinstab fuq ix-xena tad-delitt. *In vista* ta' hekk, l-esponent ma jistax jifhem kif l-ewwel Onorabbli Qorti setghet issib kredibbli lill-*qua* appellat (bil-verzjoni li ta fl-istqarrija lill-pulizija) sempliciment ghaliex huwa baqa jichad li ghamel is-serqa specjalment *konsiderando* li fl-istess hin naqas milli jaghti gustifikazzjoni plawsibbli ta' kif setghet tinstab l-impronta tieghu gewwa l-fond derubat, fond li huwa ma kellux access ghalih.

Illi ghaldaqstant, il-prova tal-impronta hija wahda univoka u dana ghaliex b'mod xjentifiku tpoggi lill-*qua* appellat fuq ix-xena tad-delitt bl-unika raguni possibli tkun sabiex issir dina s-serqa galadarba l-istess appellat ma kellux access legali ghall-istess fond.

Illi *in vista* ta' hekk, l-esponent huwa tal-fehma illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi li kellha quddiemha, u dana ghaliex mill-istess provi univoci, l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt ragonevolment u legalment tghaddi sabiex tillibera lill-*qua* appellat. Anzi, l-esponent bir-rispett jirritjeni illi, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, l-ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex triq ohra hlief li ssib htija fil-*qua* appellat rigward l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi l-appell intentat mill-Avukat Generali huwa imsejjes fuq l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi li kellha quddiemha u senjatament tat-tifsira moghtija tal-uniku impronti digitali misjub fuq ix-xena tad-delitt u li kien gie imqabbel ma' dak tal-appellat. Fil-fehma tal-Avukat Generali din il-prova wahedha kienet determinanti sabiex tinstab il-htija billi l-appellat ma offra l-ebda spjegazzjoni plawsibbli ghala il-marki tas-swaba tieghu gew misjuba fuq kaxxa f'gwardarobba minn fejn sehhet is-serqa mertu tal-kaz.

Issa huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1]. Maghdud dan madanakollu din il-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza sabiex tqies jekk d-decizjoni impunjata kenitx legalment u ragjonevolment fondata.

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Jirriżulta mill-atti probatorji illi nhar it-22 ta' Ġunju tas-sena 2008 l-għassa tal-Birkirkara kienu rċevew rapport mingħand il-konjuġi Lorenzo, llum mejjet, u Rita Montanaro li kienu sfaw derubati. Il-bieb tal-garaxx tagħhom kien sgassat u kif daħħlu ġewwa sabu ħafna taqlib u sabu ġojjellerija kif ukoll xi flus kontanti nieqsa ghal-valur ta' madwar €20,000. Irriżulta wkoll li l-vittmi Montanaro dak iż-żmien kienu jabitaw waħedhom flimkien ma binthom li madankollu għal dik il-ħabta kienet rekoverata l-isptar. Huma kienu ħarġu jieklu mal-familjari tagħhom għall-ħabta tan-12:30pm u kienu rritornaw lura għall-ħabta tal-17:10pm fejn innutaw l-isgass fil-bieb tal-garaxx u s-serqa li ġiet kommessa. Irriżulta li l-malviventi infatti kienu kisbu access ghad-dar billi kissru l-ħġieġa tal-bieb tal-garaxx u irnexxielhom jifthu billi intlahqet s-sokra minn barra tas-serratura biex b'hekk infetaħ il-bieb faċilment. Minn hemm sar aċċess liberu għal pjan terran minn fejn insterqu flejjes u ġojjellerija mill-kamra tas-sodda tal-konjuġi Montanaro.

Infetħet inkjesta Maġisterjali fejn inħatru diversi esperti inklużi dawk tax-xena tar-reat inkarigati bit-tfittxija u ġbir ta' impronti diġitali jew palmari mix-xena tad-delitt. Fiż-żmien il-każ ma kien waqa' suspett fuq ebda persuna u kien biss fis-sena 2011 li l-pulizija eżekuttiva rċevew informazzjoni anonima dwar l-involviment tal-appellat fis-serqa odjerna. Infatti l-investigazzjoni ta' din is-serqa ssokktat billi ġie mitkellem l-appellat li ċaħad kategorikament l-involviment tiegħu u li kien aċċetta volontarjament illi jagħti l-impronti tiegħu ai fini ta' komparazzjoni ma dawk misjuba fuq ix-xena tad-delitt. Gie mahtur l-espert Joseph Mallia mill-Maġistrat Inkwirenti li kien eleva l-impronti diġitali u palmari tal-appellat fil-kors tal-inkjesta sabiex jagħmel studju komparattiv dwar l-istess. Infatti mir-rapport ta' dan l-espert irriżulta li kien hemm qbil bejn waħda mill-impronti fil-*lifter* immarkat bħala dok 08BJT301 u dan mas-seba l-werrej ta' l-id leminija tal-appellat. It-tieni impronti taħt l-istess referenza kif ukoll l-impronti elevata u mmarkata bħala 08BJT302 ma setgħux jiġu imqabbla ma' dawk tal-appellat u dan peress li ma kenux tajbin ai fini ta' komparazzjoni billi kienu nieqsa minn biżżejjed punti karatteristiċi li jwasslu għall-komparazzjoni u l-eventwali identifikazzjoni skont il-liġi. L-impronti li skont ir-rapport hija identika ma' dik tal-appellat kienet ġiet elevata mill-esperti forensiċi minn kaxxa tal-kartun bil-kelma "Tabac" fuqha u li kienet sitwata qalb it-taqlib fl-

ewwel kamra tas-sodda minn fejn insterqu l-ġojjelli, x'aktarx provenjenti mill-gwardarobba li kienet miftuħa u imqalba meta l-konjuġi Montanaro skoprew is-serqa, liema gwardarobba, skont ix-xhieda ta' Rita Montanaro, kienet wkoll imsakkra qabel telqu mid-dar. Filfatt skont ir-rapport tal-espert Philip Zammit din il-gwardarobba kienet ġiet sgassata matul is-serqa.[2] L-appellat reġa ġie mitkellem fejn hu reġa' tenna l-innoċenza tiegħu u muri r-residenza fejn seħħet din is-serqa ċaħad kategorikament li qatt kien daħal ġo fiha jew li jaf lin-nies li jgħixu fl-istess triq jew residenza jew li qatt għamel xi konsenji ta' għamara f'din ir-residenza.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fattispecje ta' kif sehhet is-serqa, għajr għall-fatt li l-appellat jinnega li kkometta dan ir-reat. Il-prosekuzzjoni madanakollu tisħaqq li tirrizulta ir-reita' abbazi tal-marka tas-swaba tiegħu li nstabet fil-fond in kwistjoni meta hu ċaħad li qatt mar ġol-fond imsemmi u inoltre ma jaghti l-ebda spjegazzjoni loġika jew plawsibbli sabiex jiġġustifika s-sejba ta' dik il-marka ta' subajh fil-fond *de quo*. Mill-banda l-oħra l-appellat jikkontendi li l-impronti digitali waħedha kif misjuba mhijiex prova suffiċjenti u dan peress li ma tagħtix stampa univoka tar-raġuni għalfejn instabet fejn instabet u konsegwentement il-prosekuzzjoni ma ġabitx provi bizzejjed skont il-liġi biex tinstab il-ħtija tiegħu. Żiedet tgħid id-difiża illi l-fatt li l-appellat ma xehedx jew ma tax spjezzjoni valida dwar l-impronti tiegħu fuq ix-xena tad-delitt ma tistax tintuża kontra tiegħu peress li l-obbligu tal-prova jinkombi fuq il-prosekuzzjoni u mhux fuq l-appellat li għandu d-dritt tas-silenzju assolut.

Illi gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Anthony Abela"** [28.5.1998] li l-prova tal-*fingerprint* ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova u legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni ta' din il-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghall-htija tal-persuna akkuazta. Il-Qorti pero' kienet ghamlet distinzjoni bejn *fingerprints* li jinstabu f' postijiet pubblici bhal hwienet, knejjes, cinematografi,

[2] Ara folio 61 formanti parti mir-rapport tal-espert maħtur Philip Zammit.

hwienet tax-xorb, diskoteki, ecc. li fihom imorru hafna nies u *fingerprints* li jinstabu f' xi dar ta' residenza. Il-Qorti qalet hekk fir-rigward :-

> **"Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li ssuspettat, li instabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahallu fir-residenza tieghu. F' dan il-kaz il-prova tal-fingerprints wahedha hija sufficjenti biex il-Qorti issib htija.**

Illi kif gie ritenut ukoll minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza "Il-Pulizija vs. Vincent Calleja" [7.3.2002] il-ligi taghna ma tistabbilix il-kriterji ta' numru ta' *"matching points"* jew *"points of comparison"* li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero' il-pulizija ghall-biex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il-quddiem, tistrieh fuq '9 points'. Izda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas erbatax (14) il-*"point of comparison"*

L-awtur Blackstones spiss iccitat mill-qrati taghna fil-ktieb tieghu "CRIMINAL PRACTICE" (2001 edit.) (pagna 2311-2312) jghid testwalment hekk :-

> **"Properly presented *fingerprint evidence has long been accepted as providing sufficient identification, but,* in a case which depends wholly on such evidence, it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence (Chappell v DPP (1988) 89 Cr App R 82).Finger print experts used to seek at least 16 matching ridge characteristics between the suspect's print and the rime print before asserting that the prints come from the same person, but this has never been a strict legal requirement, and courts have a discretion to admit evidence based on fewer matching characteristics.**
>
> **See for example BUCKLEY (1999) 163 JP 561 , in which the Court of Appeal upheld a robbery conviction following a trial at which the appellant was identified on the basis of a mere nine-point match. Rose LJ said :**
>
> ***"Finger print evidence , like any other evidence , is admissible .....if it tends to prove the guilt of the accused. It may so tend, even if there are only a few similar ridge characteristics, but it may, in such case, have little weight. It may be excluded in the exercise of judicial discretion, if its prejudicial effect outweighs its probative value....." He added that Courts or judges would have to consider, before exercising this discretion, the experience and expertise of***

***the witness presenting it, the number of similar ridge characteristics identified, the presence of any dissimilar characteristics, the size of the crime print ...and the quality and clarity of that print ... Rose LJ still considered it "highly unlikely" that anything less than an eight-point match could be acceptable, in the absence of exceptional circumstances. The latest guidelines on fingerprint analysis emphasise the primacy of subjective evaluation when determining whether prints can be said to match, and no longer specify a need for any particular number of matching ridge characteristics."***

"Fil-fatt it-tendenza l-aktar recenti fl-Ingilterra hi li numru ferm inqas minn 14 il-punt (li rrizultaw f'dan il-kaz) jista' jkun bizzejjed biex tigi stabilita l-identita' tal-persuna suspettata.[3]"

Inghad ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincent Calleja[4]** :

**"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta'prova indizzjarja - "circumstantial evidence" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik limpronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat."(Il-Pulizija vs Noel Frendo deciza 30 ta' Novembru 2004 – Appelli Kriminali Inferjuri)".**

Ukoll, skont is-sentenza fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs George Spiteri[5] mogħtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 ġie ddikjarat is-segwenti:

**Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skont il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.**

---

[3] Il-Pulizija vs Nazzareno sive Reno Zarb

[4] Deciza fis-7.5.2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono.

[5] Ippreseduta mill-Imħallfin Arrigo Noel V., Filletti Joseph A., Vella Patrick.

**L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skont il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skont il-ligi.**

**Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.**

Madankollu skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Cyrus Engerer ġie ppuntwalizzat ukoll illi:

**'...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'.[6]**

Ikkunsidrat:

Illi minn qari tas-sentenza impunjata ghandu johrog illi l-Ewwel Qorti immotivat id-decizjoni taghha li wasslet ghal-liberatorja tal-appellat fuq il-fatt li l-appellat baqa' jtenni l-innoċenza tiegħu matul l-istqarrijiet rilaxxati minnu kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' univoċita tal-impronti diġitali posittiva, liema mpronti ġiet deskritta

[6] Deċiża mill-Imħallef Michael Mallia nhar it-8.5.2014.

bħala waħda 'mhux daqstant linejari'. In oltre b'referenza għall-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Ewwel Qorti dwar ir-rapport tal-espert tal-impronti digitali Joseph Mallia, l-istess qorti, filwaqt li ħadet kont tal-impronti meqjusa bħala imqabbla posittivament mas-seba l-werrej tal-id il-leminija tal-appellat, sostniet ukoll li skont dan ir-rapport irriżultat 'ċerta kontradittorjeta' u konfużjoni bejn l-uniċi żewġ *lifters* elevati u eżaminati'.

Illi din il-Qorti tistqarr minnufih illi ma tistax taqbel mal-konklużjonijiet milħuqa mill-Ewwel Qorti. Jibda biex jingħad li l-elevazzjoni tal-impronti diġitali u palmari tal-appellat saret skont il-liġi fil-*fora* ta' inkjesta maġisterjali li gew elevati mill-espert professjonalment, tant illi ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni dwar l-opinjoni milhuqa mill-espert Mallia. Fit-tieni lok, mill-apprezzament maghmul minn din il-Qorti tar-rapport redatt mill-espert Joseph Mallia ma rriżultat l-ebda kontradittorjeta' kif tispekula l-Ewwel Qorti. Ir-riżultanzi sempliċiment jindikaw li filwaqt li wiehed mit-tlett impronti elevati kien jaqbel posittivament u mingħajr l-ebda dubbju mas-seba' l-werrej tal-appellat, it-tnejn l-oħra ma kienux tajbin ai fini ta' komparazzjoni, ċirkostanza riskontrata ripetutament mill-Qrati tagħna fejn meta jiġu elevati mpronti dawn mhux neċessarjament jagħtu riżultat posittiv u/jew ikunu jistgħu jiġu kkomparati b'suċċess sal-grad legali rikjest ta' erbatax il-punt ta' komparazzjoni u liema ċirkostanzi ma jeskludux il-validita' u veraċita ta' impronti pozittiva li tiġi kkomparata b'suċċess flimkien magħhom, u lanqas ma jagħtu lok għall-kontradizzjoni. Fit-tielet lok il-fatt li l-Ewwel Qorti ddeskriviet l-impronti pozittiva bħala waħda 'mhux daqstant linejari', fil-fehma ta' din il-Qorti ma twassalx sabiex ixxejjen l-validita tal-impronti misjuba u effettivament maqbula b'suċċess ma dik tal-appellat iktar u iktar meta ma kienx hemm kontestazzjoni mal-konkluzjoni milhuqa dwar il-qbil riskontrat.

Illi stabbilit dan, din il-Qorti allura trid issa tikkonsidra jekk l-impronti digitali validament riskontrata hijiex prova univoka li twassal ghar-responsabbilta' penali tal-appellat għar-reat tas-serq lilu addebitat. Illi kemm id-dottrina kif ukoll il-ġurisprudenza ighallmu illi prova ċirkostanzjali waħedha magħdud ma dak dispost fl-artikolu 637 u 638 tal-Kodiċi Kriminali tista' titqies bħala prova suffiċjenti dment li

tkun univoka. Issa tenut kont tal-fatt li l-impronti digitali in kwistjoni instabet ġewwa residenza privata f'post u allura fuq oggett li ma kenux aċċessibbli għall-pubbliku, liema impronti instabet fuq oġġett mobbli li x'aktarx kien jappartjeni lill-mejjet Lorenzo Montanaro u li kienet qalb it-taqlib fil-kamra tas-sodda matrimonjali, abbinat mal-fatt illi dan l-oggett kien provenjenti mill-gwardarobba tal-konjugi Montanaro minn fejn insterqet il-biċċa l-kbira tar-res furtiva[7], liema gwardarobba kienet imsakkra u giet misjuba sgassata wara s-serqa, din il-Qorti ma tistax issib spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni plawsibbli u raġjonevoli li b'xi mod tista xxekkel l-univoċita ta' din il-prova bħala waħda indikattiva tal-ħtija tal-appellat. Dan iktar u iktar meta l-appellat jishaq illi huwa qatt ma acceda fir-residenza tal-parti leza.

Filwaqt li l-appellat għandu d-dritt ghas-silenzju, madanakollu c-cahda wahedha tieghu tal-involviment fil-kummissjoni ta' dan id-delitt minghajr ma jaghti spjegazzjoni dwar kif impronti digitali tieghu giet misjuba fuq oggett li kien mizmum maqful u imsakkar gewwa gwardarobba proprjeta tal-parti leza, u allura l-post minn fejn ittiehdet il-maggior parti tar-res furtiva ma hijiex bizzejjed biex tasal sal-grad tal-prova mehtiega minnu sabiex tezonerah mir-responsabbilta' kriminali.

L-argument difensjonali li l-appellat seta' xi darba tħajjar jixtri l-kaxxa tal-fwieħa in kwistjoni fejn allura l-impronti tiegħu setgħu ġew stampati hemmhekk konsegwentement, ma tantx hija verosimili u raġonevoli peress li titqies minn din il-Qorti bħala kumbinazzjoni estrema. Anki li kieku kellu jitqies dan l-argument bħala xenarju alternattiv għal dak ipprospettat mill-prosekuzzjoni, din il-kaxxa, li tikkonsisti minn box-set ta' fwieħa tal-irġiel bl-isem 'Tabac', mhuwiex oġġett rari u uniku u filfatt jinbiegħ jew kien jinbiegħ f'diversi ħwienet. Din il-Qorti tqis li tkun wisq koinċidenza li minn dawk il-kaxxi kollha ta' din ix-xorta, kellha tinstab appuntu dik li l-appellat allegatament mess meta xi darba kien tħajjar jixtriha. Anke kieku dan kien minnu certament illi mat-trapass taz-zmien minn meta huwa

[7]Din l-impronta ma nstabitx fuq xi mobbli li l-appellat seta xi darba kkonsenja, allavolja dan il-fatt ġie negat minnu stess fit-tieni stqarrija tiegħu fejn ċaħad kategorikament li qatt daħal fil-fond in kwistjoni, kif ukoll mix-xhieda ta' Nancy Buhagiar għan-nom tal-World Marketing li kkonfermat li l-appellat qatt ma ħadem magħhom u li ergo ma kienx wieħed mill-persuni li kkonsenja s-sodda li kienet xtrat Rita Montanaro mill-istess World Marketing qabel seħħet is-serqa in kwistjoni. Ara l-istqarrija tal-appellat a folio 105 datata t-2.6.11, d-deposizzjoni ta' Nancy Buhagiar a folio 148 datata 24.11.11 u d-deposizzjoni tax-xhieda ta' Rita Montanaro a folio 146 datata 24.11.11.

allegatament mess din il-kaxxa gol-hanut sal-mument meta giet elevata l-impronti digitali, zgur li kien ikun hemm l-kontaminazzjoni tal-impronti tiegħu ma dawk tas-sinjuri Montanaro fost persuni oħra li setghu messew din il-kaxxa. Mhux biss izda dina l-allegazzjoni lanqas jirnexxielu jippruvaha l-appellat. Ma iressaq l-ebda prova biex jindika f'liema hanut huwa thajjar jixtri din il-kaxxa tal-fwieha. Lanqas ma jitlob lill-parti leza jindikawlu minn fejn akkwista din il-fwieha sabiex jasal forsi jistabbilixxi jekk din inxtratx mill-istess hanut fejn inzerta dahal l-appellat. Konsegwentement din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tasal għall-ħtija tal-appellat f'dan il-każ allavolja fuq impronti digitali waħda biss u dan tenut kont tal-post fejn din l-impronti nstabet li kien proprju il-post minn fejn sehhet is-serqa u fejn kienu mahzuna l-oggetti misruqa, apparti n-nuqqas ta' spjegazzjoni alternattiva li tista b'xi mod tiġġustifika s-sejba ta' dik l-impronti, prinċipalment minħabba ċ-ċaħda kategorika tal-appellat li hu qatt resaq jew daħal lejn ir-residenza in kwistjoni.

Ikkunsidrat:

Illi stabbilit allura illi din il-prova tqieghed lill-appellat fuq ix-xena tad-delitt u mhux biss izda tohloq ness bejnu u bejn is-serqa li sehhet mir-residenza tal-konjugi Montanaro, ghandha tirrizulta ippruvata ukoll t-tieni akkuża miġjuba kontra l-appellat, billi m'hemm l-ebda dubbju li l-ħsarat inkorsi kienu filfatt ikkaġunati minn sgass tal-fond in kwistjoni sabiex il-malvivent jaċċedi għaliħ bil-ghan li jikkometti s-serqa. In oltre skont ir-rapport tal-perit Philip Zammit kif debitament maħtur matul l-inkjesta, rriżulta li l-ħsara riskontrata kienet ġiet smata għas-somma ta' €35 u ċioe fil-parametri preskritti tal-artikolu 325(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.[8] Jingħad ukoll li ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali dan ir-reat ser jitqies bħala mezz għall-fini tar-reat ikkwalifikat tas-serq u li tiegħu l-appellat ser jinstab ħati wkoll.

Ikkunsidrat:

[8] Folio 65 tal-atti proċesswali formanti parti mir-rapport tal-espert maħtur Philip Zammit.

Illi ai fini tal-piena li għandha tiġi mposta din il-Qorti ħadet qies tal-fedina penali aġġornata tal-appellat kif eżebita fl-atti proċesswali mertu ta' dan il-każ fejn ma jirrizultawx kundanni precedenti ghar-reat ta' serq.[9]

Qieset is-sottomissjonijiet magħmula minn entrambe l-partijiet kemm quddiem l-Ewwel Qorti permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet kif ukoll permeżż tat-trattazzjoni orali li saret quddiemHa.[10]

Qieset iz-zmien li damu ghaddejjin dawn il-proceduri.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali, tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti nhar it-22 ta' Awwissu, 2017 u konsegwentement, wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e), 263, 264, 267, 269(g), 278(1)(3), 279(b), 280(2), 281, 325(1)(c) u l-artikolu 17(h), 20 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil Roderick Gerada ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannaħ għall-piena ta' sentejn priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali dan il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba' snin mil-lum.

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-appellat ihallas lir-Registratur tal-Qorti, s-somma ta' €998.09, rapprezentanti spejjez peritali inkorsi fil-kawza.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor fil-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur

---

[9] Folio 253 tal-atti proċesswali.

[10] Noti ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża a folio 199 u 227 rispettivament tal-atti proċesswal. It-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti hija datata t-12 ta' Diċembru 2018 a folio 264 tal-atti proċesswali.